MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 870/2008/1

**General Workers' Union**

**v.**

**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa l-appell minn sentenza preliminari dwar il-possibilita` li l-legalita` ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali tigi mistharrga mill-qrati ordinarji, barra mill-ambitu tad-

disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta.

**2.** Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u li huma s-segwenti:

1. Permezz ta' ittra datata 23 ta' April 2005, il-General Workers Union irriferiet tilwima ta' xoghol lill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol bis-segwenti termini ta' riferenza: *"li l-Bank of Valletta plc ghandu japplika l-beneficcji tal-Consolidated Staff and Widows and Orphans Pension Fund b'mod uniformi u mhux b'mod arbitrarju u diskriminatorju u ghalhekk ghandu jhallas tali beneficcji lill-haddiema kollha li kienu jikkontribwixxu fil-Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund."*

2. L-imsemmi Ministru, permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2005, irrefera t-tilwima lit-Tribunal Industrijali, sabiex it-Tribunal jismaghha *ai termini* ta' l-Artikolu 74 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

3. Permezz ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali ta' l-10 ta' Mejju 2007 bin-numru 1785, it-Tribunal iddecieda unanimament li *"dan it-Tribunal, kif kostitwit, hu prekluz milli jiddeciedi dwar il-kaz"*, u dan ghar-raguni li l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal wasslu ghall-konkluzjoni li l-lanjanza kienet tinkwadra f'allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, li tirrikjedi komposizzjoni differenti tat-Tribunal.[1]

4. Il-Union interponiet appell mid-decizjoni tat-Tribunal.

5. Il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri), b'sentenza tas-26 ta' Gunju 2008, laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-Bank intimat, fis-sens illi l-appell kien inamessibbli stante li l-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452 ma jipprovdix ghal dritt ta' appell f'dawk ic-cirkostanzi.[2]

## <u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>

[1] Ara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali a fol. 17 *et seq.* tal-process in prim'istanza.
[2] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) *a fol.* 23 tal-process in prim'istanza.

**3.** Fir-rikors guramentat taghha, cioe` fir-rikors promotorju tal-kawza *de quo*, il-General Workers Union talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili:

1. thassar, tirrevoka u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ta' l-ghaxra (10) ta' Mejju elfejn u sebgha (2007) fl-ismijiet premessi stante li l-istess Tribunal apprezza hazin il-ligi applikabbli, kif ukoll peress li agixxa *ultra vires* u bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, kif premess (fl-istess rikors),

2. tordna lit-Tribunal Industrijali jaghti d-decizjoni tieghu dwar il-mertu tat-tilwima industrijali u dan taht kull provvediment opportun.

**4.** Il-Bank intimat, b'mod pjuttost ikkumplikat -- biex din il-Qorti ma tghidx bi skop li jtawwal kemm jiflah il-proceduri -- ressaq diversi eccezzjonijiet ghat-talbiet tal-Union rikorrenti, kemm eccezzjonijiet procedurali kif ukoll eccezzjonijiet fil-meritu. Ghall-fini ta' dan l-appell mis-sentenza preliminari, ser jigu riprodotti fil-qosor l-eccezzjonijiet preliminari li huma rilevanti ghal dan l-appell. L-eccezzjonijiet l-ohra dwar il-meritu tal-vertenza, li ma gewx trattati fis-sentenza preliminari li minnha qed isir dan l-appell, ma humiex se jigu riprodotti. L-eccezzjonijiet preliminari tal-Bank intimat kienu in sostanza is-segwenti:

1. Preliminarjament, in-nullita` tar-rikors, stante li ma jharisx dak li titlob il-ligi fl-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi liberat mid-domandi.

2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, li l-Bank intimat ghandu jigi liberat mid-domandi stante li l-mertu ta' din il-kawza huwa diga` *res judicata.*

3. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-kaz illi l-azzjoni odjerna hija fl-ambitu ta' l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Bank intimat ghandu jigi liberat mid-domandi state (i) l-inammessibilita` u l-invalidita` tar-rikors, stante li l-Union

rikorrenti ma ottemperatx ruhha mat-terminu ta' dekadenza impost mill-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) li l-allegazzjoni li t-Tribunal ghamel apprezzament erroneu tal-ligi ma tinkwadrax ruhha fil-kuntest ta' azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, f'kaz li dina mhix azzjoni impustata fl-ambitu ta' l-Artikolu 469A u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bank intimat ghandu wkoll jigi liberat mid-domandi stante li ma jezisti ebda rimedju, fl-ordni guridiku nostrali, bhal dak mitlub mill-Union rikorrenti u partikolarment fejn tribunal jew qorti jaghmlu apprezzament hazin tal-fatti.

**Is-sentenza appellata**

**5.** B'sentenza preliminari tal-11 ta' Marzu 2009, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel erba' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta w ordnat li l-kawza titkompla, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat:

"L-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda n-nullita` ta' l-att promotur minħabba li skond is-soċjeta' konvenuta m'hemmx spjegazzjoni ċara tat-talba. Din il-Qorti kif presjeduta ġja' kellha okkażjoni tikkummenta fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Astro Shop Limited v. Bank of Valletta** (29 ta' Marzu 2004) illi biex l-att promotur ikun null irid ikun magħmul b'mod li l-konvenut ma jifhimx kif għandu jiddefendi ruħu minnu – *biex l-att taċ-ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita` huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b' mod li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsira ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi ruħu mit-talba ta' l-attur* – **K B Estates Limited v. Silvio Felice Limited** deċiża fit-13 ta' Marzu 2003.

"Fil-fehma tal-Qorti t-talba kontenuta fir-rikors hija ċara biżżejjed – l-Union qed titlob li d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tiġi mħassra minħabba t-tlett raġunijiet indikati qabel it-talba. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

"Kwantu għall-eċċezzjoni tar-***res judicata*** huwa magħruf li huma tliet r-rekwiżiti biex din l-eċċezzjoni tirnexxi, u ċioe` – *eadem personae, eadem res* u *eadem causa petendi.* Filwaqt li huwa ċar li l-ewwel żewġ rekwisti huma preżenti mhux l-istess jista' jingħad għall-aħħar wieħed; il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-istess ismijiet deċiża fis-26 ta' Ġunju 2008 iddeċidiet li ma kienx hemm appell mid-deċiżjoni tat-tribunal. F'din il-kawża qed tintalab dikjarazzjoni ta' nullita` li hija ħaġa totalment differenti. Għandu jingħad illi *l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'cirkospezzjoni kbira u dan aktar u aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt* (**Gerada v. Caruana –** Qorti ta' l-Appell deċiża 7 ta' Marzu 1958).

"Illi għalhekk ladarba t-talba hija differenti, anke din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

"It-tielet eċċezzjoni tipprospetta li l-kawża odjerna ġiet istitwita *ai termini* ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12. Madankollu l-Qorti issibha bi tqila biex tinkwadra din l-azzjoni taħt dan l-artikolu. Dan l-artikolu jitkellem dwar kawżi biex jiġu mistħarrġa u jekk ikun hemm bżonn dikjarati nulli atti, anzi preċiżament *għemejjel amministrattivi* ta' awtoritajiet pubbliċi u jiddefinixxi awtorita` pubblika bħala *l-Gvern ta' Malta magħduda l-Ministeri u dipendenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi.* Imkien ma wieħed isib il-kelma *tribunal* u huwa ċar għall-Qorti li kieku l-leġislatur ried jinkludi tribunal istitwiti bil-liġi kien jgħid dan espressament. Fil-verita` kawżi bħal dik odjerna ilhom isiru minn ferm qabel ġie introdott l-artikolu 469A fl-1995. Għalhekk għall-Qorti din m'hijiex azzjoni taħt dan l-artikolu u kwindi l-eċċezzjoni fir-rigward ukoll qed tiġi respinta.

"Ir-raba' eċċezzjoni allura li ġiet intavolat f'kaz li l-azzjoni m' hijiex taħt l-artikolu 469A trid tiġi nvestigata; din tgħid illi taħt l-ordinament ġuridiku tagħna din l-azzjoni m'hijiex ammissibbli għaliex m'hemmx rimedju fejn kif qed jallegaw l-atturi, isir apprezzament ħażin tal-fatti. Il-Qorti taqbel ma' dan għaliex altrimenti tkun qed isservi ta' Qorti ta' Appell, meta kif ġja' rriteniet ġustament il-Qorti ta' l-

Appell fis-sentenza tagħha fuq l-istess mertu, dan l-appell ma jeżistix. Għalhekk qed tagħmilha ċara li l-union attriċi ma tistax tibbaża l-kawża tagħha fuq il-fatt li t-tribunal għamel apprezzament tal-fatti jew inkella interpretazzjoni ħażina tal-liġi *ut sic.* Biss il-Qrati tagħna diversi drabi ddikjaraw bl-aktar mod ċar illi huma għandhom kompetenza jissindakaw deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali fi tlett każi partikulari, u dawn it-tlett każi biss, kif tgħid is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fil-kawża fl-ismijiet **Dr Vincent Falzon nomine v. Isabelle Grima**:

*"L-impunjazjoni ta' deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali hija limitata għal tlett kategoriji ta' difetti;*

*a. Eċċess ta' ġurisdizzjoni*
*b. Non osservanza ta' l-istess liġi kostituttiva*
*c. Non osservanza ta' xi wieħed mill-prinċipji naturali tal-ġustizzja."*

"Dan l-insenjament jinsab f'diversi sentenzi oħra, per eżempju **Borg D'Anastasi v. Decesare nomine** (Prim' Awla 3 ta' April 1989) u **Mallia nomine v. Debono nomine** (Qorti ta' l-Appell 13 ta' Frar 1993) u ħafna sentenzi oħra.

"Għalhekk limitatament dwar dawn it-tlett kawżali, din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' l-provi biex tiddeċiedi dwar jekk id-deċiżjoni tat-Tribunali tistax tiġi dikjarata nulla, u għalhekk anke din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda."

**<u>L-appell</u>**

**6.** Il-Bank konvenut hassu aggravat b'din is-sentenza preliminari in kwantu cahdet it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu, u ghalhekk talab lill-ewwel Qorti tawtorizzah jappella minn din is-sentenza, ai termini ta' l-Artikolu 231 tal-Kap. 12. B'digriet tal-25 ta' Mejju 2009, l-

ewwel Qorti laqghet it-talba tal-Bank[3], u konsegwentement il-Bank intavola l-appell odjern.

**7.** Kif diga` inghad, il-Bank intimat hass ruhu aggravat bis-sentenza preliminari in kwantu din cahdet it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu biss, u ghalhekk l-aggravji tieghu huma in sostanza tnejn u cioe`:

1. skond il-Bank appellanti, indipendentement minn kwalunkwe mod li fih l-azzjoni giet impustata, l-unika triq li setghet tittiehed sabiex tigi mistharrga d-decizjoni tat-Tribunal hija dik ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv, kif proposta fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. illi jekk imbaghad wiehed jaccetta t-tezi ta' l-ewwel Qorti, cioe` li l-istharrig ta' decizjonijiet tat-Tribunal ma jaqghux fl-ambitu ta' l-Artikolu 469A, il-konkluzjoni konsegwenzjali hi li l-legislatur intenda li jeskludi tali stharrig kompletament.

**8.** Ir-risposta tal-Union appellata ghal dan l-appell giet sfilzata mill-atti b'digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2009, stante li giet ipprezentata *fuori termine*[4]. L-appell gie trattat fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2009.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**9.** Iz-zewg aggravji tal-Bank appellant huma intimament relatati u ghaldaqstant ser jigu trattati flimkien. Ghalkemm il-Bank appellant ressaq diversi argumenti in sostenn ta' l-aggravji tieghu, ma hux prattiku li wiehed joqghod jispigola dawn l-argumenti *seriatim*, u dan ghaliex il-kwistjoni tal-poter tal-qrati ordinarji li jistharrgu l-validita` tad-decizjonijiet tat-tribunali amministrattivi (ossia gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji), bhalma huwa t-Tribunal Industrijali, diga` giet ikkunsidrata w approfondita minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur**

[3] Ara fol. 66 tal-process in prim'istanza.
[4] Ara digriet a fol. 299 tal-process ta' l-appell.

**<u>Generali tal-Qrati v. Pinu Axiaq</u>** <u>deciza fit-3 ta' Marzu 2006</u>. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirriproduci partijiet sostanzjali minn dik is-sentenza, stante li l-konsiderazzjonijiet fihom maghmula jaghtu risposta u jxejnu d-diversi argumenti sottomessi mill-Bank appellant fl-appell odjern.

**10.** F'dik is-sentenza ta' **Axiaq** din il-Qorti rriteniet is-segwenti:

"Din il-Qorti, ... ... taqbel perfettament mal-konkluzjoni ta' dik il-Qorti illi l-istharrig gudizzjarju ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, bhalma huwa t-Tribunal in kwistjoni, ma jistax isir in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' gustizzja ta' kompetenza civili, ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi *eghmil amministrattiv* jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu, il-frazi *"'eghmil amministrattiv' tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ...".* L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frazi *"'awtorita` pubblika' tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."*

"Huwa car li fil-waqt li d-Direttur Generali tal-Qrati jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' *"awtorita` pubblika"* ghall-fini ta' din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju. Din kienet ukoll il-konkluzjoni ta' din il-Qorti (diversament komposta[5]) fis-sentenza **L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali et** deciza fit-18 ta' Ottubru 1996. U wara li waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti kompliet tghid hekk:

[5] S.T.O. Prim Imhallef J. Said Pullicino u Onor. Imhallfin Carmel A. Agius u Joseph D. Camilleri.

*""L-attur allura, qed jesperixxi d-dritt ta' azzjoni skond il-ligi ordinarja minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorita` gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja teccedi l-gurisdizzjoni taghha jew tissanzjona illegalita`. "Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. La l-Ligi avdat dik il-funzjoni kwazi-gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi" (**Joseph Farruga v. Emanuel Cilia Debono** – 10 ta' Gunju 1987 – PA; ara wkoll **Montalto v. Chircop** – PA 18 ta' April 1987; **Norman Rossignaud noe v. Gontram Borg noe** – PA 19 ta' April 1990; **Anthony Borg Cardona v. Joseph Busuttil et noe** – 5 ta' Ottubru 1994, PA u ohrajn."* [6]

"Huwa wkoll rilevanti li meta kien ghadu fis-sehh l-Artikolu 742(2) li kien introdott bl-Att VIII ta' l-1981[7] u li kien l-ewwel tentattiv legislattiv biex jirregola – skond xi whud, biex jargina u jillimita – l-istharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **John Holland nomine v. Julian Schembri** deciza fl-20 ta' Mejju 1991, irriteniet illi dan l-Artikolu 742(2) (kif kien jaqra qabel l-emendi apportati bl-Att XXIV ta' l-1995) kien irrelevanti ghal fini ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjonijiet ta' tribunal amministrattiv.

"Ghalhekk jidher li l-Qrati Maltin dejjem irritenew illi s-setgha taghhom li jissindikaw decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji, temani mill-gurisdizzjoni ordinarja li l-ligi (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12, Artikolu 32(1)) tikkonferixxi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili li tiehu konjizzjoni ta' kawzi ta' natura civili li

---

[6] Ara wkoll fl-istess sens **Eden Leisure Group Ltd. v. Salvino Borg D'Anastasi** deciza minn din il-Qorti (S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano u Onor. Imhallfin Anton Depasquale u Alberto Magri) fis-27 ta' Gunju 2003.
[7] Abrogat bl-Att XXIV ta' l-1995.

ma jkunux jaqghu fil-gurisdizzjoni ta’ xi qorti ohra bis-sahha ta’ xi ligi ohra [8].

“Fis-sentenza tad-9 ta’ Marzu 1901 fl-ismijiet **Riccardo Ullo Xuereb v. Enrico Magro nomine**[9] il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat illi:

*““E` vero che dove esistono tribunali rivestiti della giurisdizione di prendere cognizione e giudicare di questioni di amministrazione, quei tribunali, e non il tribunale civile, sarebbero competenti a giudicare controversie simili alla presente; ma e` vero, altresi`, che sarebbe esorbitante se, per difetto di esistenza presso di noi di quei tribunali, nessun altro degli esistenti potesse giudicarne; cio condurrebbe a fare del Direttore delle Scuole, o del Consiglio Universitario, o una persona, o un corpo ex lege, i cui atti amministrativi sarebbero arbitrari in quanto non criticabili innanzi al potere giudiziario e correggibili dalla stesso. Che inoltre la disposizione dell’articolo 41 delle Leggi di Procedura Civile, assoggettando alla giurisdizione di quella Corte tutte le cause di natura civile, e tutte altre per espressa disposizione di legge commessele, o da essa fin ora solite conoscersi, e sulle quali nulla avessero innovato le dette Legi di Procedura, rende quella Corte competente a prendere cognizione della presente causa e giudicarne ...”* [10].

“Din l-interpretazzjoni tal-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li inghatat fil-bidu tas-seklu ghoxrin baqghet tigi segwita mill-Qrati Maltin ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda l-istharrig gudizzjarju ta’ tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji. Apparti is-sentenzi imsemmija fis-sentenza **L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v.**

[8] It-tibdil fil-lokuzzjoni tal-Artikolu 32(2) b’rizultat ta’ l-emendi introdotti bl-Artikolu 16 tal-Att XXXI tal-2002 fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlu xejn fis-sustanza minn dan il-principju.

[9] U konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fis-17 ta’ Gunju 1908 -- Vol. XX-I-147.

[10] L-Artikolu 32(1) qabel ma gie sostitwit bl-Att XXIV ta’ l-1995 kien jaqra hekk: *“Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ... jigu maqtugha l-kawzi kollha ta’ natura civili, u dak il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, jew li s’issa din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom, u li dwarhom xejn ma biddel dan il-Kodici.”*

**Kummissjoni Elettorali**, *supra*, wiehed jista' wkoll jirreferi ghas-segwenti sentenzi:

(a) *"Illi ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi illi att diskrezzjonali ta' ufficjal jew korp amministrativ jista' jigi sindakat mill-Qorti fis-sens biss li t-tribunal jara jekk l-att hux legali ("within the terms of the statute"), jekk gewx osservati l-proceduri mehtiega ("complied with regulations") u jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx "fair and honest". Il-Qorti ma tistax, pero`, tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha, bhala opportunita` jew espedjenza, ghal dik ta' l-ufficjal jew tal-korp li jkun."* (**Neg. Ugo Pace v. Prof. Joseph Anastasi Pace noe** deciza fl-1 ta' Mejju 1946 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Vol. XXXII-II-317 li kienet dwar stharrig gudizzjarju tal-*War Damage Commission*.)

(b) *"Illi ghalhekk il-Qrati ordinarji, fil-kaz prezenti, ga ladarba d-decizjoni ta' l-Emergency Compensation Board hi "final" u appell minnha ma hux statutorjament permess, ghandhom biss "dan is-sindakat limitat", jigifieri illi jaraw (1) jekk fid-decizjoni hemmx xi haga "ultra vires" u (2) jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-principji ta' gustizzja naturali."* (**Antonio Sammut v. John Bell Mc Cance noe** deciza fid-29 ta' Mejju 1946 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili -- Vol. XXXII-II-350)

(c) *"Illi gie bosta drabi ritenut mill-Qrati Taghna illi d-decizjonijiet ta' tribunal specjali tali, meta ma hemmx appell statutorju minnhom, jistghu jigu sindakati mit-tribunali ordinarji, imma "biss" sabiex dawn it-tribunali jikkontrollaw eccess ta' gurisdizzjoni u jinfurzaw l-applikazzjoni tar-regoli ta' gustizzja naturali."* (**Josephine Caruana v. Walter Attard** deciza mill-Prim Awla fit-22 ta' Novembru 1951 Vol. XXXV-II-514 – stharrig gudizzjarju tal-Bord tal-Kera).

(d) *"Il-problemi tal-principji ta' gustizzja naturali f'dan il-kaz, qamet fil-kuntest tal-kwistjoni tal-qasma tal-wirt, izda mhix il-problema tal-kwistjoni tal-qasma tal-wirt li dwarha t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni eskluziva. Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, ... din il-Qorti ghandha*

*gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza biex tara jekk l-arbitru tat-Tribunal tal-Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt mexiex bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali ..."* (**Maria Grech v. Raymond Mintoff et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru 1985 mill-kompjant Imhallef Wallace Ph. Gulia).

(e) *"F'ebda disposizzjoni ta' l-Att Numru XXX tal-1976 ma hija moghtija s-setgha lit-Tribunal Industrijali biex jiddeciedi dwar il-legalita` tas-sentenzi jew decizjonijiet li jemanaw minnu jew dwar in-nullita` tad-digrieti tieghu ... Il-gurisdizzjoni allura qieghda f'dik il-Qorti li ordinarjament tiehu konjizzjoni ta' materji ta' natura civili li ma jkunux fdati f'xi qorti ohra bis-sahha ta' ligi miktuba. Din hija l-Qorti Civili, Prim Awla."* (**Thomas Montalto v. Lucienne Chircop** deciza fit-18 ta' April 1987 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.)

"Jigi precizat, li sa l-1995 – u cioe` sad-data li fiha s-sentenzi fuq kkwotati inghataw – l-Artikolu 32(1) tal-Kap. 12 kien jaqra hekk: *"Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ... jigu maqtugha l-kawzi kollha ta' natura civili, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, jew li s'issa din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom, u li dwarhom xejn ma' biddel dan il-Kodici."* (nota *in calce* nru. 8, *supra*). L-Artikolu 32 gie sostitwit bl-Att XXIV ta' l-1995, u dan l-Att zied il-gurisdizjoni ordinarja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal kawzi ta' natura kummercjali, u biddel ftit l-ahhar parti tad-disposizzjoni. B'hekk dak li sar l-Artikolu 32(2) gie jaqra hekk: *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor."* Pero` din id-disposizzjoni l-gdida ma biddlet bl-ebda mod fis-sustanza l-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim Awla.

"Dan l-Artikolu 32(2) rega' gie sostitwit bl-Att XXXI ta' l-2002 …u dak li hu llum l-Artikolu 32(2) jaqra hekk: *"Il-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali,*

*u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom."* Dan it-tibdil fid-dicitura u senjatament l-kancellament tal-kliem *"jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor"*, ukoll ma jnaqqsu xejn mis-setgha tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li tissindika decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji – hlief naturalment safejn il-ligi ma tipprovdix espressament mod iehor – stante li dawn il-kwistjonijiet ta' stharrig gudizzjarju huma ta' natura civili [11].

"Fid-dawl ta' dan kollu, l-azzjoni ta' l-appellant ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal *de quo* tista' biss tigi ikkunsidrata mill-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha li tinkludi fiha s-setgha li tivverifika l-legalita` ta' prononzjamenti ta' tribunali gudizzjarji u kwazi-gudizzjarji. Huwa veru li, kif osserva l-appellant, l-istharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u l-istharrig gudizzjarju in forza tal-gurisdizzjoni generali konferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, jista' fis-sustanza ikun fil-prattika simili jekk mhux identiku, billi fiz-zewg kazi l-ezercizzju huwa dejjem dak li jara li l-eghmil amministrattiv f'kaz wiehed u l-pronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-kaz l-iehor jkunu fil-parametri tal-ligi. Pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-Kap. 12 jikkonferixxi din is-setgha lill-Prim Awla taht zewg disposizzjonijiet separati."

**11.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti kif illum komposta ma tistax taqbel ma' dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet **General Workers' Union v. Bank of Valletta plc** (l-appell li interponiet l-Union appellata mid-decizjoni tat-Tribunal in kwistjoni), fejn filwaqt li cahdet l-appell, irrilevat illi l-Union jista' jkollha rimedji ohra *"anke in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kap. 12."*[12] Ghall-istess ragunijiet din il-Qorti lanqas ma tista'

[11] Ghall-kompletezza, issir referenza ghar-regolament 6 ta' l-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qorti Civili (A.L. 396/2003, kif sussegwentement emendat) li jipprovdi li "Lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja".

[12] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) a fol. 33 tal-process in prim'istanza.

taqbel mas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Ottubru 2007, fl-ismijiet **R.J.C. Caterers Limited (C 10552) v. General Workers Union et**, fejn gie ritenut illi l-qrati ordinarji setghu jistharrgu l-validita` ta’ decizjoni tat-Tribunal Industrijali in forza ta’ l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12[13] ghar-raguni li l-istharrig gudizzjarju ta’ decizjonijiet bhal dawn huwa wiehed limitat u specifiku kif gia` inghad *supra*.

**12.** Fid-dawl tas-sentenza **Direttur Generali tal-Qrati v. Pinu Axiaq**, is-sottomissjoni, fir-rikors ta’ l-appell tal-Bank appellant[14], li r-rimedju ta’ stharrig ta’ decizjonijiet tat-Tribunal inbeda bhala rimedju gudizzjarju minghajr ma kien ikkontemplat fil-ligi Maltija – liema sottomissjoni tifforma l-premessa li fuqha huma mibnija l-argumenti kollha tieghu – hija manifestament infondata.

**13.** Din il-Qorti tista’ tieqaf hawn. Pero`, ghall-kompletezza, ser jizdiedu dawn it-tlett osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li hija ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tal-Bank appellant illi f’kazijiet eccezzjonali l-Qrati jistghu joholqu dak li huwa sejjah “rimedju gurisprudenzjali” meta l-ligi tonqos milli tipprovdi hi ghal rimedju kontra xi sitwazzjoni li, b’mod flagranti, ikun fid-dritt li jisthoqqilha rimedju[15]. Fl-ordinament guridiku Malti – a distinzjoni minn kif tista’ tkun il-pozizzjoni f’ordinamenti guridici esteri – il-qrati huma marbutin bil-parametri li tippreskrivi l-ligi, bhal kwalunkwe organu pubbliku iehor, u ma jistghux jeccedu dawk il-parametri. Ghalhekk, il-qrati ma jistax ikollhom gurisdizzjoni aktar minn dik li b’ligi statutorja hija moghtija lilhom mil-legislatur, u konsegwentement lanqas jistghu jaghtu rimedji li ma humiex kontemplati bil-ligi statutorja. L-unika eccezzjoni hija fil-kuntest ta’ kawzi fejn jigi dikjarat li jkun sar jew se jsir ksur ta’ xi dritt fondamentali, fejn kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Kap. 319 espressament jaghtu diskrezzjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili u lill-Qorti Kostituzzjonali biex jaghtu kwalunkwe rimedju li jidhrilhom

[13] Din il-kawza giet ceduta fis-26 ta’ Gunju 2008.
[14] Ara rikors ta’ l-appell a fol. 269 tal-process ta’ l-appell.
[15] Ara rikors ta’ l-appell a fol. 268 tal-process ta’ l-appell.

opportun[16]. In oltre, kuntrarjament ghall-impressjoni li jipprova jaghti l-Bank appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu[17], fis-sentenza **Gordon Mizzi et v. Dr. John C. Grech et** deciza fid-29 ta' April 2008, il-Qorti ta' l-Appell[18] espressament iddikjarat li ghal fini ta' dik il-kawza, ma kienx necessarju li tidhol fil-kwistjoni jekk ir-rikonoxximent tal-kuncett ta' l-azzjoni derivattiva mill-Qrati Maltin fil-kuntest tal-ligi tal-kumpaniji, qabel il-legislatur Malti irregola din l-azzjoni b'mod statutorju, kienx kompatibbli mal-ligi tal-procedura Maltija, u halliet din il-kwistjoni impregudikata.

**14.** Fit-tieni lok, kif gie osservat fis-sentenza **Direttur Generali tal-Qrati v. Pinu Axiaq**:

"Kif inhuwa risaput, f'ezercizzju ghal stharrig gudizzjarju, il-qorti ordinarja hija limitata li tara l-legalita` tad-decizjoni in ezami – fi kliem iehor jekk tali decizjoni ittiehditx fil-limiti tas-setghat moghtija mil-ligi principali lit-tribunal in kwistjoni, cioe` hix *ultra vires,* inkluz jekk gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali. ... ... la l-Prim Awla u anqas din il-Qorti ma jistghu jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal f'dak li huwa l-apprezzament tal-provi ... ..."

**15.** Konformement ma dan l-insenjament kif hawn aktar 'l fuq imfisser, ma hux necessarju li jigu elenkati b'mod ezawrjenti ir-ragunijiet li fuqhom jista' jsir stharrig gudizzjarju ta' decizjoni ta' tribunal amministrattiv. Kull decizjoni ta' tribunal li, bi kwalunkwe mod, jeccedi il-limiti tas-setghat moghtija lilu mil-ligi principali ghandha tigi dikjarata *ultra vires*, nulla u bla effett. It-terminu *ultra vires* huwa wiesgha bizzejjed biex jikkomprendi wkoll ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, billi certament qatt ma jista' jigi prezunt li l-ligi principali taghti lil tribunal is-setgha li jikser dawn il-principji. Ghalkemm, din kienet dejjem il-pozizzjoni legali, l-obbligu li jigu osservati l-principji ta'

[16] Ara l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319)
[17] Ara rikors ta' l-appell a fol. 268 tal-process ta' l-appell.
[18] Komposta mill-S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano, l-Imhallef Joseph D. Camilleri u l-Imhallef Joseph A. Filletti.

gustizzja naturali huwa illum statutorjament impost fuq it-tribunali amministrattivi regolati bl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap.490)[19] u fosthom hemm inkluz it-Tribunal Industrijali[20].

**16.** Fit-tielet lok, din il-Qorti tirrileva li ma hux necessarju ghall-fini tal-kaz odjern li wiehed jidhol fil-kwistjoni jekk il-qrati ordinarji jistghux jistharrgu l-validita` ta’ decizjoni ta’ tribunal amministrattiv, meta l-ligi kostituttiva tkun tikkontempla dritt ta’ appell mid-decizjoni ta’ dak it-tribunal lil xi awtorita` gudikanti ohra – u din il-Qorti qieghda thalli din il-kwistjoni impregudikata.

**<u>Decide</u>**

**17.** Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra il-Bank of Valletta plc appellant. Tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza u d-decizjoni taghha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[19] Ara Artikolu 3(2) tal-Kap. 490.
[20] Ara Artikolu 2 u l-Ewwel Skeda annessa mal-Kap. 490.